**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 253**
**It-Tnejn, 1 ta' Lulju, 2024 fl-4:00 p.m.**

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

### KUNTRATT TAT-TRASPORT GĦAS-SKEJJEL

**18054. L-ONOR. KATYA DE GIOVANNI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-kuntratt li jmiss għat-trasport tal-iskola hux ser jinbidel jew hux ser jiġi estiż kif inhu? Jekk ser jinbidel, jista' jgħid x'inhuma t-tibdiliet li ser iseħħu?

04/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kull kuntratt ikun skont il-Public Procurement Regulations.

Seduta 253
01/07/2024

### MELLIEĦA - ŻONA TAL-GĦOLJIET

**18562. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18228 u jgħid jekk is-sit li jinsab fiż-żona tal-Għoljiet tal-Mellieħa (preċiżament bejn Triq is-Sagħtar u Triq il-Miġbħa) u li issa l-Gvern iddeċieda li jippermetti bini ta' numru ta' appartamenti, kienx is-sit identifikat li fuqu kienu ser isiru l-klassijiet temporanji f'containers sakemm tinbena/jew issir l-estensjoni tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa?

17/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ebda sit għadu ma ġie identifikat għall-użu ta' klassijiet mobbli temporanji u dan se jsir wara proċess ta' konsultazzjoni mal-imsieħba kkonċernati. Qed inħarsu li kull spazju li jintuża ikun tal-Gvern u mhux tal-privat.

Seduta 253
01/07/2024

### KAŻ TA' GĦALLIEM - KOPJA TAL-WARRANT

**18837. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18495, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-warrant tal-għalliem li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament?

25/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-għalliem li d-dettalji tiegħu ngħataw separatament, għandu l-warrant neċessarju.

Seduta 253
01/07/2024

### STUDENTI TAL-KINDER U PRIMARJA / GĦALLIEMA / LSES / KGAS

**19221. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti tal-Kinder u tal-primarja, maqsuma separatament, għal kull skola, kemm dawk tal-Gvern, tal-Knisja kif ukoll dawk Indipendenti, fl-aħħar ta' April 2024 u kemm minn dawn kienu ta' nazzjonalità barranija? Jista' jgħid ukoll kemm kien in-numru ta' għalliema f'kull skola primarja kif ukoll in-numru ta' LSEs u KGAs f'kull skola?

09/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 253
01/07/2024

**SPORTMALTA - DIRECTOR OF HUMAN RESOURCES**

**19284. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk f'din l-aħħar sena sa meta qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, SportMalta ħarġitx internal call għall-post ta' 'Director of Human Resources'?

Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid:
i. Kemm kien hemm applikanti għal dan il-post?
ii. Xi kwalifiki kellu kull applikant? u
iii. Lil min ingħata dan il-post?

13/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Infurmat li ma ħarġet l-ebda call għall-post ta' 'Director of Human Resources'.

Seduta 253
01/07/2024

**SPORTMALTA – ĦADDIEMA SECONDED**

**19285. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid fil-ġurnata li fiha qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm hemm ħaddiema ma' SportMalta li huma seconded u x'kariga għandhom?

13/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Infurmat li 2 ħaddiema ġew seconded. Informazzjoni rigward karigi mhux ser tiġi ppubblikata minħabba s-sigurta u l-privatezza tal-individwi.

Seduta 253
01/07/2024

**SPTAR APH**

**19440. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Isptar tal-Annimali APH hux ser ikun parti minn entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru tiegħu? Jekk fl-affermattiv, dan kif ser jaħdem mal-Ministeru li hu nkarigat mill-annimali u l-ħarsien tagħhom?

15/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 19445.

Seduta 253
01/07/2024

**GĦAWDEX - KAMPUS UNIVERSITARJU - STUDENTI**

**19642. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' studenti li kien hemm fil-Kampus Universitarju t'Għawdex matul dawn l-aħħar għaxar snin, maqsuma sena b'sena?

27/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mis-sena akkademika 2014/2015 sa din is-sena akkademika, kien hemm total ta' 668 student.

Seduta 253
01/07/2024

**GĦAWDEX - KAMPUS UNIVERSITARJU - FONDI GĦALL-ESTENSJONI**

**19643. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kif qegħdin jintużaw il-fondi li kienu allokati għall-estensjoni tal-Kampus Universitarju f'Għawdex?

27/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-fondi jiġu allokati lill-Università u hija l-Università stess li talloka dawn il-fondi skont il-ħtieġa.

Seduta 253
01/07/2024

**TAL-ĦANDAQ - SKOLA MEDJA U SEKONDARJA– ARJA KKUNDIZZJONATA**

**19651. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18080, jista' l-Ministru jgħid fiex waslu d-diskussjonijiet u meta ser ikun qed jinbeda x-xogħol sabiex il-klassijiet kollha fl-Iskola Medja u fl-Iskola Sekondarja tal-Ħandaq ikunu mgħammra bl-arja kkundizzjonata bħalma kien imwiegħed?

28/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-diskussjonijiet bejn l-istakeholders konċernati huma magħluqin u l-pass li jmiss huwa li joħroġ it-tender.

Seduta 253
01/07/2024

**KULLEĠĠI F'MALTA U F'GĦAWDEX - ARJA KKUNDIZZJONATA**

**19652. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il unit tal-arja kkundizzjonata twaħħal għal kull Kulleġġ f'Malta u f'Għawdex matul din is-sena kalendarja, jiġifieri minn Jannar tal-2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jelenka l-informazzjoni għal kull skola skont il-Kulleġġ?

28/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Infurmat li matul din is-sena skolastika bdew jintużaw 577 unit ġdid t'arja kkundizjonata f'diversi skejjel.

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAT-TELEVIXIN - NEFQA**

**17982. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq stazzjonijiet tat-televixin mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni bejn Jannar u April ta' din is-sena tinsab hawn taħt;

| Ministeru jew Entità | Spiża (excl. VAT) |
|---|---|
| MEYR | €6,500 |
| MCST | €680 |

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAT-TELEVIXIN - NEFQA**

**17983. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq stazzjonijiet tat-televixin mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAT-TELEVIXIN - NEFQA**

**17984. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq stazzjonijiet tat-televixin mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura minn Jannar 2024 sat-18 ta' Ġunju 2024.

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAT-TELEVIXIN - NEFQA**

**17985. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq stazzjonijiet tat-televixin mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed titpoġġa fuq il- Mejda tal-Kamra.

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI - REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAT-TELEVIXIN - NEFQA**

**17986. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq stazzjonijiet tat-televixin mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 253
01/07/2024

**PRIĠUNIERI BIL-PAROLE - BENEFIĊĊJI SOĊJALI**

**17987. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk priġunier li jingħata l-parole, irrispettivament minn kemm hu twil il-perjodu ta' parole, huwiex eleġibbli għall-benefiċċji soċjali? Jekk jirriżulta li iva, jista' jgħid kemm-il persuna hemm b'parole preżentament, kemm hu l-perjodu ta' parole li għandhom rispettivament u jispjega xi dħul għandhom dawn il-persuni?

03/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat mid-Dipartiment tal-Probation and Parole li hemm persuni bil-liċenzja tal-parole li jibbenefikaw minn xi tip ta' benefiċċji soċjali, fejn il-perjodu ta' Parole ivarja bejn sena sa tmien snin u xahar. Dan il-benefiċċji soċjali joħroġ minn Ministeru ieħor, bħal benefiċċji soċjali kollha.

Seduta 253
01/07/2024

**PERSUNI LI ĊEDEW IL-PENSJONI**

**19281. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm, fil-każ kemm, persuni li ċedew għal ftit il-pensjoni u kemm damu, mill-2016 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll x'differenza kien hemm bejn ħaddiema nisa u rġiel u dawk li kienu jaħdmu għal rashom?

13/05/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 253
01/07/2024

**PENSJONI – PERSUNI LI RTIRAW BL-ETÀ**

**19282. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid mill-2016 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm persuni li rtiraw bl-età ta' 61 sena wara li kellhom il-kontribuzzjonijiet kollha anke jekk suppost irtiraw iżjed tard? Jista' jgħid ukoll x'differenza kien hemm bejn ħaddiema nisa u rġiel u dawk li kienu jaħdmu għal rashom?

13/05/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 253
01/07/2024

**PENSJONI – ETÀ MEDJA**

**19283. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x'kienet il-medja ta' bejn l-età effettiva tal-pensjoni u dik tal-età pensjonabbli għal dawn l-aħħar 5 snin?

13/05/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jikkjarifika x'qiegħed ifisser bil-kelma medja fir-rigward tal-etajiet effettivi tal-pensjoni u l-etajiet pensjonabbli.

Seduta 253
01/07/2024

**IRTIRAR FLESSIBBLI**

**19333. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid hemmx studji fuq:

i. L-impatt distribuzzjonali fuq ir-regoli flessibbli tal-irtirar fis-sens ta' differenza fid-differiment tal-irtirar kemm ta' paga għolja kif ukoll ta' paga baxxa?
ii. L-impatt ta' rtirar flessibbli fuq il-labour market dynamics? u
iii. L-impatt ta' rtirar flessibbli fuq policies fiskali u s-sostennibiltà tal-pensjonijiet?

14/05/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, kull 5 snin irid isir studju f'forma ta' rapport strateġiku dwar is-sistema tal-pensjoni f'pajjiżna, u jekk ikun hemm bżonn isiru rakkomandazzjonijiet biex jiġu indirizzati numru ta' materji.

L-istudju li jmiss huwa dovut sal-aħħar tal-2025.

Il-materji imsemmija mill-Onor. Interpellant huma fost numru ferm akbar ta' materji li minn żmien għal żmien jiġu indirizzati b'mod ħolistiku fl-istudji imsemmija.

Seduta 253
01/07/2024

**AMBAXXATURI B'ĦATRIET POLITIĊI**

**19334. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid min huma u kemm hemm ambaxxaturi b'ħatriet politiċi?

14/05/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-lista t'Ambaxxaturi b'ħatriet politiċi qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 253
01/07/2024

**AMBAXXATURI MHUX RESIDENTI**

**19335. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-ambaxxaturi mhux residenti (non-resident ambassadors) u għal liema pajjiż ġew akkreditati?

14/05/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabelli li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 253
01/07/2024

**IR-RABAT - TAL-LANDRIJIET AREA, SEWER LINING WORKS F'TRIQ SAN LUQA, TRIQ SAN LUQA, TRIQ TAT-TORRI, TRIQ PAWLU XUEREB, TRIQ VINCENZO M PELLEGRINI - XOGĦLIJIET**

**19611. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq Tal-Landrijiet Area, Sewer lining works at Triq San Luqa, Triq San Luqa, Triq Tat-Torri, Triq Pawlu Xuereb, Triq Vincenzo M Pellegrini, Rabat u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġetti Tal-Landrijiet Area, Sewer lining works f'Triq San Luqa, Triq San Luqa, Triq Tat-Torri , Triq Pawlu Xuereb u Triq Vincenzo M Pellegrini huma parti mill-pjan tal-Gvern biex jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Tal-Landrijiet Area twettqet f'Marzu 2023 u swiet €546,482.30excl VAT, xoghol ta' Sewer lining works f'Triq San Luqa tlesta f'Mejju 2023 u sewa' €64,030.00excl VAT, Triq San Luqa tlestiet f'Mejju 2023 u swiet €61,713.60 u Triq Tat-Torri, Triq Pawlu Xuereb u Triq Vincenzo M Pellegrini tlestew f'Settembru 2023 u swew €272,920.07 excl VAT.

Seduta 253
01/07/2024

**ĦAL QORMI - TRIQ SAN ĠWAKKIN - XOGĦLIJIET**

**19612. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq Triq San Ġwakkin, Ħal Qormi u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett Triq San Ġwakkin, Ħal Qormi huwa parti mill-pjan tal-Gvern biex jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Din it-triq partikolari twettqet f'Lulju 2023 u swiet €259,566.70 excl VAT.

Seduta 253
01/07/2024

**SAN ĠILJAN - TRIQ MIKIEL ANTON VASSALLI, TRIQ SIR JOSEPH CARBONE, RECONSTRUCTION OF TRIQ WILLIAM PRESCOTT, TELGĦET BIRKIRKARA, SQAQ CIANTAR, TRIQ BERTHA K ILG, TRIQ CHARLES SCIBERRAS - PHASE 1, SQAQ IS-SIĠAR, TRIQ HENRY CALLEJA, SQAQ LOURDES - XOGĦLIJIET**

**19613. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq Triq Mikiel Anton Vassalli, Triq Sir Joseph Carbone, Reconstruction of Triq William Prescott, parti minn Telgħet Birkirkara, Sqaq Ciantar, Triq Bertha K Ilg, Triq Charles Sciberras - Phase 1, Sqaq is-Siġar, parti minn Triq Henry Calleja, Sqaq Lourdes, San Ġiljan u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett Triq Mikiel Anton Vassalli, Triq Sir Joseph Carbone, Reconstruction of Triq William Prescott, Telgħet Birkirkara, Sqaq Ciantar, Triq Bertha King, Triq Charles Sciberras - Phase 1, Sqaq is-Siġar, Triq Henry Calleja u Sqaq Lourdes, San Ġiljan huwa parti mill-pjan tal-Gvern biex jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Triq Mikiel Anton Vassalli tlestiet f'Awwissu 2023 u swiet €60,650.33 excl VAT. Triq Sir Joseph Carbone tlestiet f'Jannar 2023 u swiet €133,529.66 excl VAT. Reconstruction of Triq William Prescott tlestiet f'Settembru 2022, Telgħet Birkirkara tlestiet f'Frar 2023 u Sqaq Ciantar tlestiet f'Frar 2023 u swew €195,552.26 excl VAT. Triq Charles Sciberras - Phase 1 tlestiet f'Gunju 2023 u swiet €124,968.20 excl VAT. Sqaq is-Siġar, Triq Henry Calleja u Sqaq Lourdes tlestew fNovembru 2023 u swew €174,164.25 excl VAT.

Seduta 253
01/07/2024

**SAN ĠWANN - TRIQ ANTONIO SCHEMBRI, PARTI MINN TRIQ L-ORINTOLOĠIJA - XOGĦLIJIET**

**19614. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq parti minn Triq Antonio Schembri u parti minn Triq l-Ornitoloġija, San Ġwann u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett Triq Antonio Schembri u parti minn Triq L-Orintoloġija, San Ġwann huwa parti mill-pjan tal-Gvern biex jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Din it-triq partikolari tlestiet f'Lulju 2023 u swiet €292,282.82 excl VAT.

Seduta 253
01/07/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ LUIGI PREZIOSI, TRIQ L-GĦABEX, UNNAMED ROAD C/W DAWRET IL-QAWRA - XOGĦLIJIET**

**19615. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq Triq Luigi Preziosi, Triq l-Għabex, unnamed road c/w Dawret il-Qawra, San Pawl il-Baħar u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett Triq Luigi Preziosi, Triq l-Għabex, unnamed road c/w Dawret il-Qawra, San Pawl il-Baħar huwa parti mill-pjan tal-Gvern biex jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Triq Luigi Preziosi tlestiet f'Ġunju 2023 u swiet €249,983.20 excl VAT, Triq l-Għabex tlestiet f'Settembru 2023 u swiet €209,110.39 excl VAT filwaqt li unnamed road c/w Dawret il-Qawra tlestiet f'Settembru 2023 u swiet €161,819.90 excl VAT.

Seduta 253
01/07/2024

**SANTA LUĊIJA - TRIQ KLEMATIS, TRIQ INEZ SOLER, TRIQ PRINJOL, DAWRET IT-TORRI, TRIQ IL-GJAĊINTI, TRIQ STELLA MARIS - XOGĦLIJIET**

**19616. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq Triq Klematis, Triq Inez Soler, Triq Prinjol, Dawret it-Torri, Triq il-Ġjaċinti, Triq Stella Maris, Santa Luċija u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett Triq Klematis, Triq Inez Soler, Triq Prinjol, Dawret it-Torri, Triq il-Ġjaċinti, Triq Stella Maris, Santa Luċija huwa parti mill-pjan tal-Gvern biex jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Triq Klematis, Triq Inez Soler, Triq Prinjol, Dawret it-Torri tlestew f'april 2023 u swew €1,446,921.72 excl VAT filwaqt li Triq il-Gjaċinti u Triq Stella Maris tlestew f'Diċembru 2023 iżda l-kont għadu ma ġiex iffinalizzat.

Seduta 253
01/07/2024

**SERVIZZ KONTRA L-IBBULJAR**

**19717. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-għanijiet tas-Servizz kontra l-Ibbuljar?

03/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 253
01/07/2024

**SERVIZZ KONTRA L-IBBULJAR**

**19718. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm membri tal-istaff jaħdmu fis-Servizz kontra l-Ibbuljar?

03/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li matul is-sena skolastika 2023/2024 kien hemm 5 Anti-Bullying Guidance Teachers u 2 Education Support Practicioners.

Seduta 253
01/07/2024

**SERVIZZ KONTRA L-IBBULJAR**

**19719. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma r-rwoli tal-istaff fi ħdan is-Servizz kontra l-Ibbuljar?

03/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-istaff tas-Servizz kontra l-Ibbuljar jagħtu sapport lill-istudenti kollha nvoluti direttament u kif ukoll indirettament fi kwistjonijiet ta' bullying, jagħmlu sessjonijiet t'għarfien lill-ġenituri, lezzjonijiet t'għarfien mal-istudenti fi klassijiet, inizjattivi fl-iskejjel biex jippromwovu l-għarfien dwar l-ibbuljar u kif ukoll taħriġ lill-għalliema.

Seduta 253
01/07/2024

**SERVIZZ KONTRA L-IBBULJAR**

**19720. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet referuti lis-Servizz kontra l-Ibbuljar mill-2012 sal-2023, maqsuma għal kull sena?

03/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-total ta' referrals, u li b'hekk dan l-ammont mhux rappreżentattiv ta' kemm -il persuna huma nvoluti bħala vitma jew perpetrator, matul is-snin imsemmija kien ta' 4,611 -il każ.

Seduta 253
01/07/2024

**VITTMI TA' BULLYING**

**19721. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm vittmi ta' bullying skont l-età (age brackets) u skont il-ġeneru fis-sena 2023?

03/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Bħalma ġie mtenni fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 19720, niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellanta li t-tim ta' kontra l-ibbuljar jirċievi referrals u għalhekk mhux rapprezentattiv ta' kemm -il persuna huma meqjusin bħala vittmi jew perpetrators. It-total ta' referrals matul is-sena 2023 kien ta' 499.

Seduta 253
01/07/2024

**PERSUNI LI KKAWŻAW BULLYING**

**19722. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li kkawżaw bullying skont l-età (age brackets) u skont il-ġeneru fis-sena 2023?

03/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tim ta' kontra l-Ibbuljar jirċievi referrals biss u li dawn mhux neċessarjament jirrappreżentaw kemm -il persuna kienet involuta bħala vittma jew perpetrator.

Seduta 253
01/07/2024

**IL-GUDJA - IN-WORK BENEFIT U BENEFIĊĊJI SOĊJALI**

**19781. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li matul is-sena 2023 ibbenefikaw mill-In-Work Benefit fil-Gudja u kemm irċevew komplessivament f'benefiċċji soċjali?

05/06/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 253
01/07/2024

**IL-GUDJA - SUSSIDJI FUQ KIRJIET LI SARU QABEL L-1995 U WARA**

**19782. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni residenti l-Gudja li matul is-sena 2023 ibbenefikaw mis-sussidju fuq kirjiet li saru qabel l-1995 u wara u jgħid kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm persuni li rrikorrew għall-assistenza wara li ġew żgumbrati jew li qegħdin f'dan il-proċess?

05/06/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma l-Onor. Interpellant li fis-sena 2023, fil-Gudja kien hemm 7 benefiċjarji li bbenifikaw mis-sussidju fuq kirjiet li saru qabel l-1995 bi spejjeż totali ta' €38,407.01, u 16-il benefiċjarju li bbenifika mis-sussidju fuq kirjiet li saru wara l-1995 bi spejjeż totali ta' €58,636.80, filwaqt li kien hemm każ wieħed ta' żgumbrament.

Seduta 253
01/07/2024

**SANTA LUĊIJA - IN-WORK BENEFIT U BENEFIĊĊJI SOĊJALI**

**19783. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li matul is-sena 2023 ibbenefikaw mill-In-Work Benefit f'Santa Luċija u kemm irċevew komplessivament f'benefiċċji soċjali?

05/06/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 253
01/07/2024

**SANTA LUĊIJA - SUSSIDJI FUQ KIRJIET LI SARU QABEL L-1995 U WARA**

**19784. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni residenti f'Santa Luċija li matul is-sena 2023 ibbenefikaw mis-sussidju fuq kirjiet li saru qabel l-1995 u wara u jgħid kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm persuni li rrikorrew għall-assistenza wara li ġew żgumbrati jew li qegħdin f'dan il-proċess?

05/06/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma l-Onor. Interpellant li fis-sena 2023, f'Santa Luċija kien hemm benefiċjarju 1 li bbenifika mis-sussidju fuq kirjiet li saru qabel l-1995 bi spejjeż totali ta' €3,421.18, u 2 benefiċjarji li bbenifikaw mis-sussidju fuq kirjiet li saru wara l-1995 bi spejjeż totali ta' €9,563.96, filwaqt li ma kien hemm l-ebda każ ta żgumbrament.

Seduta 253
01/07/2024

**ĦAL TARXIEN - IN-WORK BENEFIT U BENEFIĊĊJI SOĊJALI**

**19785. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li matul is-sena 2023 ibbenefikaw mill-In-Work Benefit f'Ħal Tarxien u kemm irċevew komplessivament f'benefiċċji soċjali?

05/06/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 253
01/07/2024

**ĦAL TARXIEN - SUSSIDJI FUQ KIRJIET LI SARU QABEL L-1995 U WARA**

**19786. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni residenti Ħal Tarxien li matul is-sena 2023 ibbenefikaw mis-sussidju fuq kirjiet li saru qabel l-1995 u wara u jgħid kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm persuni li rrikorrew għall-assistenza wara li ġew żgumbrati jew li qegħdin f'dan il-proċess?

05/06/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma l-Onor. Interpellant li fis-sena 2023, f'Ħal Tarxien kien hemm 38 benefiċjarju li bbenifika mis-sussidju fuq kirjiet li saru qabel l-1995 bi spejjeż totali ta' €155,987, u 40 benefiċjarju li bbenifika mis-sussidju fuq kirjiet li saru wara l-1995 bi spejjeż totali ta' €138,447, filwaqt li ma kien hemm l-ebda każ ta' żgumbrament.

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL - PRESS CONFERENCES**

**19843. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru press conferences mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ, jista' jgħid ukoll:

(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa din il-press conference;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li biex tinġabar din l-informazzjoni tinqabeż l-Advisory Cost.

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - PRESS CONFERENCES**

**19844. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru press conferences mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ, jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa din il-press conference;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tinġabar din l-informazzjoni mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - PRESS CONFERENCES**

**19845. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm saru press conferences mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tagħha minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ, tista' tgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa din il-press conference;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li biex tinġabar din l-informazzjoni kif mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI - PRESS CONFERENCES**

**19846. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru press conferences mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ, jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa din il-press conference;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi ġejt infurmat li sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba, tinqabez l-advisory cost.

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - PRESS CONFERENCES**

**19847. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru press conferences mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ, jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa din il-press conference;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li sabiex tinġabar din l-informazzjoni mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - PRESS CONFERENCES**

**19848. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru press conferences mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ, jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa din il-press conference;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tinġabar din l-informazzjoni mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 253
01/07/2024

**L-IMĠARR GĦAWDEX - UFFIĊĊJU TAL-GOZO CHANNEL**

**20037. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallset s'issa f'kera għall-proprjetà li nkriet mill-Gozo Channel fl-Imġarr, Għawdex, biex isservi ta' uffiċċji tal-Gozo Channel? Jista' jgħid jekk s'issa l-Gozo Channel bdietx topera minn dawn l-uffiċċji mikrija? Jista' jgħid ukoll kemm tħallas s'issa fuq xogħol ta' kostruzzjoni, tibdil, manutenzjoni, bini f'din il-proprjetà mill-Gozo Channel minn meta nkriet sal-lum u kemm mistennija tkun l-ispiża totali li l-Gozo Channel se tagħmel biex tkun tista' tibda topera minn din il-proprjetà mikrija minnha?

17/06/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara diskussjonijiet li saru mas-sid tal-proprjetà, it-total tal-kera dovuta sa nhar it-30 ta' Ġunju 2024 tammonta għal Eur130,416. L-ammont ta' kemm tħallas s'issa fuq xogħol ta' kostruzzjoni, tibdil, manutenzjoni, bini f'din il-proprjetà mill-Gozo Channel, minn meta nkriet sal-lum, huwa ta' Eur117,175. Ninsab infurmat li t-tender tal-*finishing* għadha ma ġietx awarded u għaldaqstant l-informazzjoni f'dan r-rigward ma tistax tkun fornuta.

Seduta 253
01/07/2024

**IX-XEWKIJA GĦAWDEX - TRIQ IL-KBIRA - ĠIBJUN**

**20038. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta l-Kunsill Lokali tax-Xewkija, Għawdex, se jnaddaf u jagħmel manutenzjoni fil-ġibjun li hemm fi Triq il-Kbira, fix-Xewkija u dan wara li għamel embellishment tal-wiċċ ta' dan il-ġibjun?

17/06/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija li dan ix-xogħol ta' tindif u manutenzjoni fejn meħtieġ ser isir matul ix-xhur tas-sajf.

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - ENTITAJIET REGOLATORJI**

**20039. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Fir-rigward ta' entitajiet regolatorji (irrispettivament mill-mod kif deskritti) li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jista' l-Ministru f'kull każ jgħid:
a. jekk din l-entità għandhiex il-poter skont il-liġi ordinarja li timponi penalitajiet finanzjarji (irrispettivament minn kif deskritti) ta' natura ċivili jew amministrattivi u, jekk iva, jgħid kemm hu l-massimu tal-penali li tista' tiġi imposta minn dik l-entità, kemm fuq bażi one-off u/jew għal jum ta' nuqqas ta' konformità u f'kull istanza fejn applikabbli jagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li tagħti lil dik l-entità l-poter li timponi tali penalitajiet;
b. quddiem liema forum ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju, jistgħu jiġu kkontestati deċiżjonijiet fejn l-entità kkonċernata timponi penali ta' din ix-xorta; u
ċ. jekk kienx hemm u/jew jekk hemmx pendenti kawżi ta' natura kostituzzjonali li fihom intalab li d-dispożizzjonijiet taħt il-liġi ordinarja li jagħtu l-poter li l-entità kkonċernata timponi tali penalitajiet jiġu ddikjarati li jikkostitwixxu ksur tal-Kostituzzjoni b'mod partikolari tal-artikolu 39 tal-istess Kostituzzjoni?

17/06/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - ENTITAJIET REGOLATORJI**

**20040. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13512, fir-rigward ta' entitajiet regolatorji (irrispettivament mill-mod kif deskritti) li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, u f'kull każ jgħid:
a. jekk din l-entità għandhiex il-poter skont il-liġi ordinarja li timponi penalitajiet finanzjarji (irrispettivament minn kif deskritti) ta' natura ċivili jew amministrattivi u, jekk iva, jgħid kemm hu l-massimu tal-penali li tista' tiġi imposta minn dik l-entità, kemm fuq bażi one-off u/jew għal jum ta' nuqqas ta' konformità u f'kull istanza fejn applikabbli jagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li tagħti lil dik l-entità l-poter li timponi tali penalitajiet;
b. quddiem liema forum ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju, jistgħu jiġu kkontestati deċiżjonijiet fejn l-entità kkonċernata timponi penali ta' din ix-xorta; u
ċ. jekk kienx hemm u/jew jekk hemmx pendenti kawżi ta' natura kostituzzjonali li fihom intalab li d-dispożizzjonijiet taħt il-liġi ordinarja li jagħtu l-poter li l-entità kkonċernata timponi tali penalitajiet jiġu ddikjarati li jikkostitwixxu ksur tal-Kostituzzjoni b'mod partikolari tal-artikolu 39 tal-istess Kostituzzjoni?

17/06/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - ENTITAJIET REGOLATORJI**

**20041. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13511, fir-rigward ta' entitajiet regolatorji (irrispettivament mill-mod kif deskritti) li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, u f'kull każ jgħid:
a. jekk din l-entità għandhiex il-poter skont il-liġi ordinarja li timponi penalitajiet finanzjarji (irrispettivament minn kif deskritti) ta' natura ċivili jew amministrattivi u, jekk iva, jgħid kemm hu l-massimu tal-penali li tista' tiġi imposta minn dik l-entità, kemm fuq bażi one-off u/jew għal jum ta' nuqqas ta' konformità u f'kull istanza fejn applikabbli jagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li tagħti lil dik l-entità l-poter li timponi tali penalitajiet;
b. quddiem liema forum ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju, jistgħu jiġu kkontestati deċiżjonijiet fejn l-entità kkonċernata timponi penali ta' din ix-xorta; u
ċ. jekk kienx hemm u/jew jekk hemmx pendenti kawżi ta' natura kostituzzjonali li fihom intalab li d-dispożizzjonijiet taħt il-liġi ordinarja li jagħtu l-poter li l-entità kkonċernata timponi tali penalitajiet jiġu ddikjarati li jikkostitwixxu ksur tal-Kostituzzjoni b'mod partikolari tal-artikolu 39 tal-istess Kostituzzjoni?

17/06/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - ENTITAJIET REGOLATORJI**

**20042. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13510, fir-rigward ta' entitajiet regolatorji (irrispettivament mill-mod kif deskritti) li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, f'kull każ jgħid:
a. jekk din l-entità għandhiex il-poter skont il-liġi ordinarja li timponi penalitajiet finanzjarji (irrispettivament minn kif deskritti) ta' natura ċivili jew amministrattivi u jekk iva, jgħid kemm hu l-massimu tal-penali li tista' tiġi imposta minn dik l-entità, kemm fuq bażi one-off u/jew għal jum ta' nuqqas ta' konformità u f'kull istanza fejn applikabbli jagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li tagħti lil dik l-entità l-poter li timponi tali penalitajiet;
b. quddiem liema forum ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju, jistgħu jiġu kkontestati deċiżjonijiet fejn l-entità kkonċernata timponi penali ta' din ix-xorta; u
ċ. jekk kienx hemm u/jew jekk hemmx pendenti kawżi ta' natura kostituzzjonali li fihom intalab li d-dispożizzjonijiet taħt il-liġi ordinarja li jagħtu l-poter li l-entità kkonċernata timponi tali penalitajiet jiġu ddikjarati li jikkostitwixxu ksur tal-Kostituzzjoni b'mod partikolari tal-artikolu 39 tal-istess Kostituzzjoni?

17/06/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 253
01/07/2024

**INKJESTA MAĠISTERJALI DWAR IL-KUNTRATT TAL-ISPTARIJIET - XOGĦOL MINN KUMPANIJA**

**20065. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, wettqitx xogħol fuq l-inkjesta maġisterjali dwar il-kuntratt tal-isptarijiet?

17/06/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ai termini tal-artikolu 518 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-informazzjoni mitluba ma tistax tingħata.

Seduta 253
01/07/2024

**INKJESTA MAĠISTERJALI DWAR IL-KUNTRATT TAL-ISPTARIJIET – XOGĦOL MINN INDIVIDWU**

**20066. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jikkonferma taħt liema kumpanija l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, ġie ingaġġat biex iwettaq xogħol bħala espert fuq l-inkjesta maġisterjali dwar il-kuntratt tal-isptarijiet?

17/06/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ai termini tal-artikolu 518 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-informazzjoni mitluba ma tistax tingħata.

Seduta 253
01/07/2024

**INKJESTA MAĠISTERJALI DWAR IL-KUNTRATT TAL-ISPTARIJIET – XOGĦOL MINN INDIVIDWU**

**20067. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Qorti tal-Ġustizzja għamlitx proċess ta' due diligence u KYC qabel l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament ġie ingaġġat biex iwettaq xogħol fuq l-inkjesta maġisterjali dwar il-kuntratt tal-isptarijiet?

17/06/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi n-nomina tal-esperti ssir abbażi tal-artikolu 650 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20112. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

18/06/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20113. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

18/06/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għada qed tinġabar.

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20114. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

18/06/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20115. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

18/06/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20116. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

18/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20117. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

18/06/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 253
01/07/2024

**KNEJJES - SKEMI GĦAL DAWL MAL-FAĊĊATA JEW ZUNTIER**

**20184. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid jekk matul l-aħħar sena nħarġux skemi għal dawl mal-faċċata jew zuntier tal-knejjes fil-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex? Jekk iva, jista' jgħid min applika għal dawn l-iskemi u min ikkwalifika?

20/06/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemm l-ebda skema fuq dawl mal-faċċata jew zuntier tal-knejjes fil-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex.

Seduta 253
01/07/2024

**KNEJJES - SKEMI GĦAL DAWL MAL-FAĊĊATA JEW ZUNTIER**

**20185. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li jinħarġu skemi għal dawl mal-faċċata jew zuntier tal-knejjes fil-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex? Jekk iva, jista' jgħid min se jkun jista' japplika għal dawn l-iskemi u meta hu mistenni li jinħarġu dawn l-iskemi?

20/06/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20184. OK

Seduta 253
01/07/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - SKEMI TA' FONDI**

**20186. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid liema skemi ta' fondi nħarġu minn xi entità li taqa' taħt il-Ministeru tiegħu u għalqu l-applikazzjonijiet għalihom u għadhom qegħdin jiġu aġġudikati? Jista' jgħid ukoll min applika għal kull waħda minn dawn l-iskemi?

20/06/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 253
01/07/2024

**IL-MELLIEĦA, IN-NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR - PROĠETTI MILL-AWTORITÀ TAT-TURIŻMU GĦALL-2024**

**20187. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid liema proġetti hu maħsub li jitwettqu mill-Awtorità tat-Turiżmu jew xi entità oħra li taqa' taħtu matul is-sena 2024 fil-lokalitajiet tal-Mellieħa, in-Naxxar u San Pawl il-Baħar?

20/06/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu b'kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra wettqet il-proġett tant mistenni tal-Għadira, matul is-sena 2024 se twettaq ukoll dan il-proġett:

· Provvista u installazzjoni ta' dawl estern u pavimentazzjoni taz-zuntier b'ġebel naturali għall-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar.

Apparti minn hekk, it-TZRA se tkun qed toffri s-servizzi tagħha hekk kif ġej:

· Installazzjoni ta' poġġamani fil-Bajja tas-Salina, fil-Marfa, u fil-Bajja tar-Ramla għal skopijiet ta' aċċessibbiltà

· Baħar iċ-Ċagħaq – titjib fid-daħla prinċipali.

· Kontinwazzjoni tal-ħajt ta' konfini tal-promenade u railings fiż-żona taċ-Ċirkewwa/Marfa.
· Bini mill-ġdid taż-żona ta' aċċess għall-bajja fiż-żona ta' Bognor, Buġibba.
· Tiswija, blasting u ggalvanizzar tar-railings eżistenti f'żoni speċifiċi f'San Pawl il-Baħar, miż-żona Tal-Għażżelin u ż-żona ta' Dawret il-Gżejjer.
· Assistenza biex jiġu installati u żarmati strutturi relatati mal-għawm fosthom slielem, passaġġi, kmamar tat-tibdil, doċoċ, u torrijiet tal-għassa li jiffurmaw parti mill-Blue Flag beaches.
· Assistenza lill-Kunsilli Lokali fil-manutenzjoni ta' żoni speċifiċi permezz ta' tiswijiet u manutenzjoni ta' spazji miftuħa, ħitan ta' konfini, u bankijiet fi Ġnien Naxxar (L-Imħalla), Park tal-Familja u Ġnien Ingraw fil-Mellieħa.
· Assistenza bħala parti mill-Kampanja Nazzjonali ta' Tindif.

Seduta 253
01/07/2024

**IL-MELLIEĦA, IN-NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR - PROĠETTI MILL-AWTORITÀ TAT-TURIŻMU GĦALL-2025**

**20188. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid liema proġetti hu maħsub li jitwettqu mill-Awtorità tat-Turiżmu jew xi entità oħra li taqa' taħtu matul is-sena 2025 fil-lokalitajiet tal-Mellieħa, in-Naxxar u San Pawl il-Baħar?

20/06/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għas-sena 2025 l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu se tkun qed taħdem fuq il-proġett ta' riġenerazzjoni tal-Pjazza ta' Buġibba.
Apparti minn hekk, it-TZRA se tkun qed:
· Tkompli bil-proġetti mibdija fl-2024, ċioe' dawk indikati fir-risposta tal-mistoqsija parlamentari 20187.
· Tibdel il-puġġamani tal-promenade f'żoni speċifiċi f'San Pawl il-Baħar f'Dawret il-Qawra.
· Wara konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali, se tkun qed tibdel il-bankijiet tal-promenade ta' San Pawl il-Baħar
· Tagħti assistenza biex jiġu installati u żarmati strutturi relatati mal-għawm fosthom slielem, passaġġi, kmamar tat-tibdil, doċoċ, u torrijiet tal-għassa li jiffurmaw parti mill-Blue Flag beaches.
· Tagħti assistenza lill-Kunsilli Lokali fil-manutenzjoni ta' żoni speċifiċi permezz ta' tiswijiet u manutenzjoni ta' spazji miftuħa, ħitan tal-konfini, u bankijiet.
· Tkompli tagħti assistenza bħala parti mill-Kampanja Nazzjonali ta' Tindif.

Seduta 253
01/07/2024

**IL-MELLIEĦA, IN-NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR - PROĠETTI MILL-AWTORITÀ TAT-TURIŻMU GĦALL-2026, 2027, 2028, U 2029**

**20189. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid liema proġetti hu maħsub li jitwettqu mill-Awtorità tat-Turiżmu jew xi entità li taqa' taħtu matul is-snin 2026, 2027, 2028, u 2029 fil-lokalitajiet tal-Mellieħa, in-Naxxar u San Pawl il-Baħar?

20/06/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s'issa għad m'hemm l-ebda proġett speċifiku li se jitwettaq mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu fil-lokalitajiet u s-snin imsemmija.

Seduta 253
01/07/2024

**PASSAPORT DIPLOMATIKU MALTI**

**20236. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19754 u jagħti lista ta' persuni li f'dawn l-aħħar għaxar snin kellhom il-passaport diplomatiku Malti, maqsuma sena b'sena?

24/06/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 253
01/07/2024

**IL-FGURA – BERĠA TAS-SAĦĦA - SERVIZZI**

**20237. L-ONOR. KATYA DE GIOVANNI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'servizzi toffri l-Berġa tas-Saħħa tal-Fgura?

24/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li minn ġo l-Kinika tal-Komunità tal-Fgura jiġu offruti dawn is-servizzi li ġejjin:
- Klinika tat-Tabib tal-Familja
- Klinika tal-Infermiera
- Podjatrija
- Fiżjoterapija
- Patoloġija tal-Lingwa Mitkellma
- Saħħa Mentali
- Klinika għall-pazjenti li huma cancer-free (Survivorship Clinic) (Din il-Klinika toffri servizz lill-pazjenti li fiequ minn ċertu mard tal-kanċer u li għandhom bżonn ikomplu jiġu segwiti.)

Seduta 253
01/07/2024

**ĦAL BALZAN - XOGĦLIJIET**

**20238. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk ix-xogħlijiet li jaqgħu taħt ir-responsabilità tagħha fit-toroq ta' Ħal Balzan hux se jkunu lesti kompletament qabel tkun iċċelebrata l-festa f'din il-lokalità, bħalma kienet affermat mal-Kunsill Lokali f'komunikat b'email?

24/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li x-xogħlijiet tat-tqegħid tal-cables fit-toroq tlestew u t-trinek imtlew bil-konkos kif intqal mill-Enemalta fl-email li qed issir referenza għaliha. Kif spjegajt fit-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 20126, iridu jsiru t-testijiet neċessarji li jieħdu madwar xahar, waqt li x-xogħlijiet min-naħa tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma se jissuktaw wara li tkun iċċelebrata l-festa fil-lokalità.

*(Korrezzjoni: Ara Dokument PL 3971 li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra f'Seduta 254 ta' nhar l-Erbgħa, 3 ta' Lulju 2024)*

Seduta 253
01/07/2024

**MEDIĊINA ODANSTERON - OUT OF STOCK**

**20239. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex Odansteron (mediċina li tintuża f'emerġenza kontra r-remettar) kienet out of stock fiċ-ċentri tas-saħħa fi tmiem il-ġimgħa tal-21 ta' Ġunju 2024?

24/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li fi tmiem tal-ġimgħa msemmija l-mediċina Ondansetron kienet disponibbli fiċ-Ċentri tas-Saħħa, ħlief fil-Furjana HC Treatment Room għal perijodu qasir sakemm l-istokk ġie rifornut mill-ġdid.

Seduta 253
01/07/2024

**WIED IL-QLEJGĦA - XOGĦLIJIET TA' TISWIJA**

**20240. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid fiex waslu x-xogħlijiet ta' tiswija f'Wied il-Qlejgħa?

24/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi għall-ispjega li tajt fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14426, ninsab infurmata li x-xogħol baqa' għaddej b'mod konsistenti u s'issa saru 141 pile tul ta' 13-il metru l-wieħed. Il-pjan hu li x-xogħol jibqa' għaddej fix-xhur tas-sajf. OK

Seduta 253
01/07/2024

**IR-RABAT MALTA - WIED TA' SANTA KATERINA - XOGĦOL TA' TINDIF**

**20241. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta se tibda tiġi mnaddfa l-muntanja ta' terrapien li ffurmat fiż-żona tal-Wied ta' Santa Katerina, fir-Rabat, fejn hemm il-barriera?

24/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 253
01/07/2024

**IR-RABAT U L-IMĠARR MALTA - GĦALF TAL-ĠRIEDEN**

**20242. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex fl-inħawi tar-Rabat u l-Imġarr mhux qed isir għalf tal-ġrieden (mid-dipartiment responsabbli mis-sanità) biex tonqos il-popolazzjoni ta' ġrieden u firien li dejjem qed tikber u li qed twassal għal ħsara fil-prodott agrikolu u anke fl-apparat użat mill-bdiewa?

24/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li ħaddiema mit-Taqsima tal-Pest Control Unit fi ħdan id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali wettqu diversi trattamenti għall-kontra l-ġrieden fil-lokalitajiet kollha ta' Malta. Matul dawn l-aħħar tlett xhur intużaw madwar elf (1,000) pakkett ta' kimika għat-trażżin tal-ġrieden u firien f'żoni differenti fl-inħawi tar-Rabat u madwar disa mija u ħamsin (950) pakkett ta' kimika għat-trażżin tal-ġrieden u firien f'żoni differenti madwar l-Imġarr u li bihom saru t-trattamenti meħtieġa għal kontra l-ġrieden u firien.

Id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali jżomm ukoll kuntatt regolari mal-Għaqda Bdiewa fejn dawn jiġu nfurmati fejn ikunu saru it-trattamenti. L-istess Għaqda Bdiewa tgħaddi ukoll lid-Direttorat iż-żoni l-iktar problematiċi u fejn imbagħad f'dawn iż-żoni jsir trattament meħtieġ immedjat.

Seduta 253
01/07/2024

**IR-RABAT U L-IMĠARR MALTA - GĦALF TAL-ĠRIEDEN**

**20243. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid għaliex fl-inħawi tar-Rabat u l-Imġarr mhux qed isir għalf tal-ġrieden (mid-dipartiment responsabbli mis-sanità) biex tonqos il-popolazzjoni ta' ġrieden u firien li dejjem qed tikber u li qed twassal għal ħsara fil-prodott agrikolu u anke tal-apparat użat mill-bdiewa?

24/06/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 253
01/07/2024

**PAZJENTI LI QEGĦDIN JISTENNEW OPERAZZJONI TAL-KATARRETTI**

**20244. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm pazjenti li qegħdin jistennew operazzjoni tal-katarretti?

24/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 253
01/07/2024

**PAZJENTI LI QEGĦDIN JISTENNEW APPUNTAMENT GĦAL ORTHOPAEDIC OUT PATIENTS**

**20249. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm pazjenti li qegħdin jistennew appuntament għal Orthopaedic Out-Patients?

24/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 253
01/07/2024

**IL-MANIKATA - TRIQ IL-KNISJA IL-QADIMA U TRIQ IL-FUĦHAR - TITOLU TA' ART**

**20260. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid fuq min hu t-titolu ta' art bejn Triq il-Knisja il-Qadima u Triq il-Fuħhar, il-Manikata, kif muri fil-pjanta li qed tintbagħat separatament? Jista' jgħid x'inhi l-intenzjoni dwar din l-art u x'jista' jsir skont il-pjan lokali? Jista' jgħid ukoll x'inhuma l-livelli tal-art komparat mal-livell tat-triq kif inhi llum (jekk hix se tkun 'il fuq mil-livell tat-triq)?

24/06/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba dwar it-titolu tal-art tingħata f'seduta oħra, waqt li l-kumplament tal-mistoqsija għandha ssir lill-Ministeru kkoncernat.

Seduta 253
01/07/2024

**IL-MANIKATA - TRIQ IL-KNISJA IL-QADIMA U TRIQ IL-FUĦHAR - TITOLU TA' ART**

**20261. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fuq min hu t-titolu ta' art bejn Triq il-Knisja il-Qadima u Triq il-Fuħhar, il-Manikata, kif muri fil-pjanta li qed tintbagħat separatament? Jista' jgħid x'inhi l-intenzjoni dwar din l-art u x'jista' jsir skont il-pjan lokali? Jista' jgħid ukoll x'inhuma l-livelli tal-art komparat mal-livell tat-triq kif inhi llum (jekk hix se tkun 'il fuq mil-livell tat-triq)?

24/06/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex ġentilment jindika - permezz tal-mapserver https://pamapserver.pa.org.mt - d-delinazzjoni tas-sit li tikkonċerna l-mistoqsija.

Seduta 253
01/07/2024

**IS-SERVIZZ KELLIMNI.COM**

**20276. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20068 u jgħid kemm persuni għamlu użu mis-servizz kellimni.com minn meta ġie mwaqqaf, u jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena?

24/06/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 253
01/07/2024

**IS-SERVIZZ KELLIMNI.COM**

**20277. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20069 u jgħid jekk is-servizz kellimni.com huwiex servizz anonimu? Jista' jgħid ukoll jekk ikunx hemm każijiet fejn din l-anonimità ma tibqax tapplika? Jekk iva, jista' jgħid meta huma dawn il-każijiet?

24/06/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 253
01/07/2024

**IS-SERVIZZ KELLIMNI.COM**

**20278. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20070 u jgħid jekk il-Pulizija tipprovdix servizz lis-servizz kellimni.com? Jekk iva, jista' jgħid x'inhu dan is-servizz u jekk il-pulizija kkonċernati humiex kwalifikati f'dan ix-xogħol?

24/06/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 253
01/07/2024

**IS-SERVIZZ KELLIMNI.COM - IMPJEGATI**

**20279. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20071 u jgħid kemm hemm impjegati jaħdmu mas-servizz kellimni.com? Jista' jgħid ukoll x'inhuma r-rwol u l-kwalifiki ta' kull impjegat?

24/06/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 253
01/07/2024

**ŻONI TAL-GĦAWM DOG FRIENDLY**

**20280. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20171, jista' l-Ministru jgħid x'sinjali għandhom jiġu provduti biex jiddistingwu dawn iż-żoni msemmija?

24/06/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ż-żoni tal-għawm tal-klieb huma diġà delinejati bl-istess mod li bajjiet uffiċjali tal-għawm huma distinti permezz tal-pożizzjoni tagħhom, jiġifieri

permezz ta’ Sistema ta’ Pożizzjonament Globali (GPS) mill-Awtoritajiet rispettivi. Tali pożizzjonijiet huma elenkati fuq s-sit elettroniku tal-Ministeru.

Seduta 253
01/07/2024

**ŻONI TURISTIĊI - XOGĦOL FIT-TOROQ MATUL IS-SAJF**

**20281. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20170, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kriterji li jintużaw biex triq tintgħażel li taqa' f'żona turistika u allura ma jsirx xogħol ta' tħaffir fiha matul il-perjodu tas-sajf? Jista' jagħti lista ta' dawn il-kriterji?

24/06/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20170. OK

Seduta 253
01/07/2024

**Ħ’ATTARD - TRIQ IR-RUZELL/TRIQ IL-MOSTA - FDALIJIET STORIĊI**

**20285. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Fid-dawl tal-fdalijiet li nstabu fi Triq ir-Ruzell/Triq il-Mosta, Ħ’Attard - PA 01361 24 DNO 523 24, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-features li nstabu s'issa?

25/06/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 253
01/07/2024

**Ħ’ATTARD - TRIQ IR-RUZELL/TRIQ IL-MOSTA - FDALIJIET STORIĊI**

**20286. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Fid-dawl tal-fdalijiet li nstabu fi Triq ir-Ruzell/Triq il-Mosta, Ħ’Attard - PA 01361 24 DNO 523 24, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-features li nstabu s'issa?

25/06/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Is-sit imsemmi hu suġġett għal PA 1361/24, fejn waqt il-proċessar ta’ din l-applikazzjoni, Informat li s-Sovrintendenza talbet li ssir evalwazzjoni arkeoloġika. Din l-evalwazzjoni hija koperta b’DN 523/24. Informat ukoll li fis-sit hemm reservoir, kif ukoll xelter – li dan tal-aħħar kien diġà magħruf li jinstab fis-sit, kif filatt ġie kkomunikat fir-risposta tas-Sovrintendenza waqt l-ipproċessar ta’ PA 1361/24.

Informat li s-Sovrintendenza tikkonferma li preżentement qed titneħħa il-ħamrija (bħala parti mill-evalwazzjoni arkeoloġika – li qed tiġi sorveljata minn rappre¿entanti tas-Sovrintendenza), u wara li dan il-proċess jitlesta, se tkun qed tintalab id-dokumentazzjoni neċessarja.

Seduta 253
01/07/2024

**TRANSPORT MALTA - EMISSJONIJIET EĊĊESSIVI MINN VETTURI - RAPPORTI**

**20287. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport dwar emissjonijiet eċċessivi minn vetturi saru lil Transport Malta fl-aħħar sentejn, xahar b'xahar, maqsuma skont il-modi differenti li bihom saru dawn ir-rapporti (SMS, online, eċċ.)?

25/06/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tabelli segwenti juru kemm saru testijiet relatati ma' emissjonijiet:

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | 2022 - Reported | |
| **2022** | Called | Inspected | Passed | Failed | No show | | SMS | **326** |
| SMS | 110 | 38 | 26 | 12 | 72 | | Q1 - Jan - March | 44 |
| MRTU | 202 | 112 | 98 | 14 | 90 | | Q2 - Apr - Jun | 82 |
| LETTERS | 1008 | 562 | 407 | 155 | 446 | | Q3 - Jul - Sep | 115 |
| | | | | | | | Q4 - Oct - Dec | 85 |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | 2023 | |
| **2023** | Called | Inspected | Passed | Failed | No show | | SMS - Received Reported | **364** |
| SMS | 484 | 143 | 38 | 105 | 329 | | Q1 - Jan - March | 51 |
| MRTU | 135 | 47 | 12 | 35 | 88 | | Q2 - Apr - Jun | 116 |
| LETTERS | 1200 | 408 | 200 | 208 | 792 | | Q3 - Jul - Sep | 109 |
| | | | | | | | Q4 - Oct - Dec | 88 |

Seduta 253
01/07/2024

**ITTESTJAR TA' VETTURI - EMISSJONIJIET EĊĊESSIVI**

**20288. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il vettura minn dawk rappurtati dwar emissjonijiet eċċessivi laħqet il-kriterju ta' tliet rapporti fi tliet xhur, li skont l-informazzjoni disponibbli online huwa l-kriterju li jintuża sabiex vettura tiġi ttestjata?

25/06/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li illi l-informazzjoni mitluba qiegħda tiġi provduta fit-tabella segwenti:

| **SENA** | **Numru ta' SMS** | **Vetturi li laħqu l-kriterji** |
|---|---|---|
| 2022 | 326 | 110 |
| 2023 | 364 | 472 |

Matul is-sena 2022 kien hemm xi spezzjonijiet li ma laħqux saru. Għaldaqstant, dawn l-ispezzjonijiet saru matul is-sena 2023.

Seduta 253
01/07/2024

**ITTESTJAR TA' VETTURI - EMISSJONIJIET**

**20289. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il vettura ġiet ittestjata għall-emissjonijiet fl-aħħar sentejn, maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom instabu li jaqbżu l-limiti aċċettabbli u x'miżuri ttieħdu dwarhom?

25/06/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qiegħda tiġi provduta fit-tabelli segwenti.

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | 2022 - Reported | |
| **2022** | Called | Inspected | Passed | Failed | No show | | SMS | **326** |
| SMS | 110 | 38 | 26 | 12 | 72 | | Q1 - Jan - March | 44 |
| MRTU | 202 | 112 | 98 | 14 | 90 | | Q2 - Apr - Jun | 82 |
| LETTERS | 1008 | 562 | 407 | 155 | 446 | | Q3 - Jul - Sep | 115 |
| | | | | | | | Q4 - Oct - Dec | 85 |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | 2023 | |
| **2023** | Called | Inspected | Passed | Failed | No show | | SMS - Received Reported | **364** |
| SMS | 484 | 143 | 38 | 105 | 329 | | Q1 - Jan - March | 51 |
| MRTU | 135 | 47 | 12 | 35 | 88 | | Q2 - Apr - Jun | 116 |
| LETTERS | 1200 | 408 | 200 | 208 | 792 | | Q3 - Jul - Sep | 109 |
| | | | | | | | Q4 - Oct - Dec | 88 |

Seduta 253
01/07/2024

**ĊEKKIJIET - SPIŻA FUQ PROĊESSAR, STAMPAR U POSTA**

**20290. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 19893 u 20081, jista' l-Ministru jgħid kemm kienet l-ispiża totali fuq proċessar, stampar u posta taċ-ċekkijiet li nħarġu fil-ġimgħat li għaddew?

25/06/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 253
01/07/2024

**MARAM**

**20292. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20128 u ċjoè: B'referenza għall-Multi Agency Risk

Assessment Meeting Board (MARAM), li jevalwa u jiddiskuti każijiet li jitqiesu ta' riskju għoli ta' vjolenza domestika, jista' l-Ministru jgħid:

i. kemm irċieva referrals minn meta ġie mwaqqaf sal-aħħar tas-sena 2023;

ii. kemm minn dawn ir-referrals ġew evalwati mill-bord sal-aħħar tas-sena 2023;

iii. kemm irċieva referrals minn Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari;

iv. kemm evalwa referrals minn Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari;

v. jekk id-DASH hijiex l-għodda li qed juża l-bord fl-assessjar tar-riskju (risk assessment tool)? Jekk le, liema għodda (risk assessment tool) qed tintuża; u

vi. x'kienet l-ispiża ta' dan il-bord għas-sena 2023 u kif inhuma mqassmin dawn l-ispejjeż?

25/06/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li, l-Multi Agency Risk Assessment Meeting (MARAM) Board rċieva 268 referrals minn meta ġie mwaqqaf sal-aħħar tas-sena 2023, li kollha ġew diskussi u evalwati.

B'żieda ma' dan, ninforma lill-Onor. Interpellanta li, l-MARAM irċieva u evalwa 278 referral minn Jannar 2024 sad-data li fiha qed titwieġeb din l-Interpellanza.

Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li, *L-assessment tools* huma użati mir-*risk assessors/*ħaddiema soċjali biex jassessjaw ir-riskji preżentati mill-vittmi ta` vjolenza domestika. Il-Board tal-MARAM ma juża l-ebda *assessment tool* iżda jiġi ppreżentat bil-każijiet li jirriżultaw bħala "*high risk cases"*.

L-ispejjeż involuti inkonnessjonali mal-Bord tal-MARAM, għall-2023 kienu kif ġej:

- Salarji ta' 2 Koordinaturi li jaħdmu mal-MARAM; liema spejjeż kienu jammontaw għal EUR 38,232, bejn Ġunju 2023 u Diċembru 2023;
- Training dwar Women Aid Training, fl-Ingilterra, liema spejjeż tat-training, titjiriet u per diem allowance b'kollox kienu jammontaw għal EUR10,005, għal 4 minn nies.
- Ħlas fuq translations u proof reading dwar l-emendi fuq Cap581, li jammontaw għal EUR 158.69

Seduta 253
01/07/2024

**SIXTH FORM - STUDENTI LI WAQFU**

**20293. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 19138, 19329, 19903 u 20169 u jgħid kemm kien in-numru ta' studenti li waqfu mis-Sixth Form? Jista' jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena għal dawn l-aħħar 10 snin u maqsuma għal kull istitut edukattiv postsekondarju individwalment?

25/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 253
01/07/2024

**QORTI – RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAL TIBDIL BIEX JIĠU AĠĠUDIKATI KUMPENSI GĦAL DANNI**

**20294. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20074, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi azzjoni li l-Gvern iddeċieda li jieħu abbażi ta' dak ir-rapport u/jew rakkomandazzjonijiet, jew jekk hemmx

ħsieb li tittieħed xi azzjoni fiż-żmien li ġej fuq il-mod kif il-Qrati jaġġudikaw kumpens għal danni inkluż danni morali?

25/06/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi m'hemmx informazzjoni aktar x'tiżdied ma' dak provdut fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20074.

Seduta 253
01/07/2024

**TRANSPORT MALTA - KUNTRATTI TA' KAROZZI TAL-KIRI**

**20295. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20078, jista' l-Ministru jgħid lil min u b'liema mod qed jitħallsu l-pagamenti relatati mal-kuntratti msemmija, f'kull kuntratt separatament?

25/06/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 253
01/07/2024

**PARK TA' WIED FULIJA – TESTIJIET GĦAL GASSIJIET TOSSIĊI U RADJOATTIVITÀ**

**20297. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx gassijiet tossiċi u preżenza ta' radjoattività fil-park ta' Wied Fulija? Tista' tgħid ukoll meta saru t-testijiet neċessarji u tqegħedhom fuq il-Mejda tal-Kamra?

25/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-miżbla ta' Wied Fulija ma baqgħetx tintuża mill-1996 u minn dakinhar ma ġie depożitat l-ebda skart ieħor. Matul l-eżerċizzju ta' rijabilitazzjoni fl-2019, il-potenzjal li kien fadal tal-gassijiet kien ġie vvalutat mill-ġdid fid-disinn, u kien ġie konkluż lifil-proċess ta' riabilitazzjoni, il-gassijiet se jonqsu aktar. Barra minn hekk, tqies ukoll li l-livelli huma baxxi u sistema ta' capping hi biżżejjed. Wara dan, il-landfill ġiet capped skont id-direttiva tal-landfills biex tkompli tnaqqas kwalunkwe effett ambjentali. F'dak li għandu x'jaqsam mar-radjazzjoni, waqt ix-xogħlijiet is-sit ġie mmonitorjat ukoll mill-OHSA Radiation Protection li kkonfermat li s-sit ma esebixxa l-ebda livelli ta' radjazzjoni li huma speċifiċi għal Wied Fulija.

Seduta 253
01/07/2024

**IL-MAGĦTAB – TESTIJIET GĦAL GASSIJIET TOSSIĊI U RADJOATTIVITÀ**

**20298. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx gassijiet tossiċi u preżenza ta' radjoattività fil-Magħtab? Tista' tgħid ukoll meta saru t-testijiet neċessarji u tqegħedhom fuq il-Mejda tal-Kamra?

25/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li d-Dipartiment tas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Wasteserv jaghmel testijiet kull ġimgħa biex jiċċekkja l-livelli ta' gassijiet tossiċi fil-Magħtab. Dawn s'issa dejjem irriżultaw taħt il-limiti li hemm stipulati f'S.L. 424.24 Regolamenti dwar is-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiema minn riskji relatati ma' Aġenti Kimiċi fuq il-post tax-Xogħol. Isiru wkoll testijiet minn laboratorju indipendenti kull tliet xhur. L-aħħar testijiet saru fis-26 ta' Marzu 2024. Għal darb'oħra r-riżultati miksuba kienu taħt il-limiti li hemm stipulati fil-liġijiet tas-saħħa u s-sigurtà.
Barra minn hekk, il-Wasteserv ma' taċċettax skart perikoluż ġewwa l-Magħtab, li jista' jwassal għal preżenza ta' radjoattività.

Seduta 253
01/07/2024

**GĦAWDEX - TAL-QORTIN - TESTIJIET GĦAL GASSIJIET TOSSIĊI U RADJOATTIVITÀ**

**20299. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx gassijiet tossiċi u preżenza ta' radjoattività f'Tal-Qortin, Għawdex? Tista' tgħid ukoll meta saru t-testijiet neċessarji u tqegħedhom fuq il-Mejda tal-Kamra?

25/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-miżbla tal-Qortin ingħalqet għad-depożitu ta' skart fl-2004 u sar rapport sħiħ biex jitkejjel u jittaffa l-piż fuq l-ambjent. Peress li l-miżbla kienet ingħalqet dan l-aħħar, il-ġenerazzjoni tal-gass kienet għadha attiva, u minkejja li l-potenzjal tagħha kien baxx, kien ġie deċiż li tiġi installata sistema ta' ġestjoni tal-gass. Il-potenzjal tal-gass huważgħir u jonqos maż-żmien. F'din il-landfill ma kienu nstabu ebda sinjali ta' radjazzjoni. Din il-landfill ġiet riabilitata wara li ngħalqet u 'capped' skont ir-rekwiżiti tad-direttiva tal-landfill biex jitnaqqas kull effett ambjentali.

Seduta 253
01/07/2024

**FEANTSA – NIES KLASSIFIKATI HOMELESS**

**20300. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm nies klassifikati homeless, skont id-definizzjoni tal-FEANTSA (European Federation of National Organisations Working with the Homeless), fis-sena 2022 u fis-sena 2023 rispettivament u jipprovdi din id-data skont l-età, il-ġeneru, l-istatus u n-nazzjonalità ta' kull persuna?

Jista' jipprovdi wkoll din id-data skont it-tip ta' "shelters" u ċjoè:
i. Roofless/emergency;
ii. Homeless (inkluż shelters għan-nisa);
iii. Nies li huma f'istituzzjonijiet (tas-saħħa, penali, eċċ.);
iv. Postijiet irregolari (unconventional dwellings);
v. Nies li jgħixu temporanjament mal-familja u/jew mal-ħbieb?

25/06/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 253
01/07/2024

**KAŻ TA' INDIVIDWU – KRITERJI GĦALL-KARIGA**

**20302. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20175 u jgħid fuq liema kriterji jew b'liema mod intgħażel l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament? Jista' jgħid jekk inħarġitx notifika għal din il-kariga u jekk sarx proċess ta' due diligence? Jista' jgħid ukoll kemm hu s-salarju ta' din il-persuna bħala CEO u jekk hux se jkollu pakkett finanzjarju inkluż benefiċċji oħrajn u jaqsam il-figuri/ċifri separatament?

26/06/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-persuna kkonċenerata, li kienet diġà tokkupa pożizzjoni ta' Direttur f'entità oħra tal-Gvern, inħatret Kap Eżekuttiv tat-Teatru Manoel abbażi tal-esperjenza vasta u l-kapaċitajiet tagħha li ntwerew b'mod eċċellenti fil-perjodu li fih kienet diġà tokkupa l-kariga ta' Aġent Kap Eżekuttiv tat-Teatru Manoel.

Il-Pakkett Finanzjarju bħala Kap Eżekuttiv li jkopri perjodu ta' 3 snin u jibda mis-17 ta' Ġunju 2024 hu l-istess bħal dak tal-Kap Ezekuttiv preċedenti bid-differenza li l-Kap Eżekuttiv il-ġdid se jaqla' €4,700 Gross per annum inqas milli kien jaqla' l-Kap Eżekuttiv preċedenti.

Seduta 253
01/07/2024

**MALTA BIENNALE - NEFQA**

**20303. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20100 u jgħid kemm intefqu flus s'issa fuq avvenimenti u reklamar għall-Malta Biennale? Jista' jgħid jekk dawn kenux kollha sponsorjati mill-Bord tat-Turiżmu?

26/06/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sapport biex tiġi organizzata il-Malta Biennale kien is-segwenti bl-approvazzjoni tal-Ministeru għall-Finanzi:

- Ministeru - €100,000
- Awtorità Maltija għat-Turiżmu – sapport u promozzjoni ta' €224,713

Seduta 253
01/07/2024

**SPAZJU KREATTIV - KARIGA TA' CHAIRPERSON**

**20304. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20103 u jgħid fuq liema kriterji jew b'liema mod iċ-Chairman ta' Spazju Kreattiv ingħata wkoll il-kariga ta' Executive Chairperson tal-istess entità? Jista' jgħid jekk ħarġitx notifika għal din il-kariga u jekk sarx proċess ta' due diligence? Jista' jgħid ukoll kemm hu s-salarju taċ-Chairman u jekk issa hux se jkollu salarju ieħor jew inkella pakkett finanzjarju separat għall-kariga l-ġdida u jipprovdi l-figuri relattivi?

26/06/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ċ-Chairperson ta' Spazju Kreattiv ngħata wkoll il-kariga tat-tmexxija eżekuttiva tal-istess entità abbażi tal-esperjenza vasta u l-kapaċitajiet tiegħu f'dan il-qasam li weriehom b'mod ampju matul is-snin li ilu jservi bħala Chairperson ta' Spazju Kreattiv.

Il-pakkett finanzjarju għal pożizzjoni ta' Chairman li jkopri l-perjodu mit-13 ta' Ġunju 2022 sat-12 ta Ġunju 2025 huwa identitiku għal dak li kellu.

Il-pakkett finanzjarju referibbli għat-tmexxija eżekuttiva tal-entità, li jkopri perjodu ta' tliet snin u jibda mis-17 ta' Ġunju 2024, hu identiku għal dak li kellu l-persuna li kellha t-tmexxija eżekuttiva tal-entità.

Seduta 253
01/07/2024

**FOND GĦALL-IŻVILUPP NAZZJONALI U SOĊJALI**

**20307. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kontijiet awditjati tal-Fond għall-Iżvilupp Nazzjonali u Soċjali maqsuma sena b'sena minn kemm ilu mwaqqaf, u jagħti breakdown tal-proġetti li fuqhom intefqu l-flus li daħlu f'dan il-fond?

26/06/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Qed inpoġġi l-informazzjoni fuq il-Mejda tal-Kamra. Għalkemm irrid ngħid li r-rapporti awditjati wieħed isibhom online.

Seduta 253
01/07/2024

**BINI TA' ARKIVJU NAZZJONALI ĠDID**

**20308. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn il-proġett biex jinbena l-Arkivju Nazzjonali l-ġdid għadu ma sarx? Jista' jgħid ukoll x'inhuma l-pjanijiet dwar dan il-proġett u jekk għadx hemm il-ħsieb li jsir fuq l-istess art li kienet ingħatat għal hekk jew hemmx il-pjan li tingħata art oħra?

26/06/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab informat li d-deċiżjoni marbuta mas-sit ta' Ta' Qali kienet ittieħdet lura f'Novembru 2021, liema deċiżjoni kienet ittieħdet fuq konsiderazzjonijiet ambjentali u operazzjonali tal-Park Nazzjonali ta' Ta' Qali.

Dan ma jneħħi xejn mill-bżonn li jinbena Arkivju Nazzjonali ġdid. Il-Gvern bħalissa qed jevalwa diversi siti li potenzjalment jistgħu jkun idoneji , kull wieħed bl-opportunitajiet u l-isfidi uniċi tiegħu.

L-għan huwa li jiġi identifikat sit li mhux biss jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi għall-akkomodazzjoni wirt u d-dokumentazzjoni, imprezzabbli ta' pajjiżna, iżda wkoll li jitejjeb l-aċċess tal-pubbliku u jixpruna l-interess lejn dan il-proġett u x-xogħol tal-Arkivju Nazzjonali. Id-diskussjonijiet interni jinsabu għaddejjin b'ritmu tajjeb.

Huwa kruċjali li nersqu lejn dan b'impenn li jittieħdu deċiżjonijiet li jservu għall-ġenerazzjonijiet futuri b'mod effettiv.

Seduta 253
01/07/2024

**PROĠETT TAL-GĦADIRA**

**20310. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-pjanti mħawla (kif jidhru fir-ritratti mehmuża) u s-sistema tal-irrigazzjoni li saru b'rabta mal-proġett il-ġdid tal-Għadira humiex aċċettabbli għal dan il-proġett? X'passi se jittieħdu biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni u meta?

26/06/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-proġett tal-Għadira saret Sistema ta' irrigazzjoni skont il-ħtieġa tal-ispeċi mħawwla. Sadanittant, matul il-jiem li għaddew, tlestew ukoll ix-xogħlijiet relatati mal-pjanti mħawla fil-parti ċentrali ta' t-triq.

Seduta 253
01/07/2024

**ENEMALTA - KUMPANIJI BLACKLISTED**

**20319. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għad-dikjarazzjoni li kien għamel il-Ministru responsabbli mill-Enemalta fis-sena 2014, u ċjoè li l-kumpaniji li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament huma blacklisted, tista' l-Ministru tgħid jekk dan il-blacklisting għadux fis-seħħ, u jekk le meta tneħħa u għaliex?

26/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 253
01/07/2024

**ENEMALTA - TRANSAZZJONIJIET MA' KUMPANIJI**

**20320. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tat-transazzjonijiet li saru bejn l-Enemalta, jew kumpaniji sussidjarji tagħha, u l-kumpaniji li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament, bejn is-sena 2013 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż id-data tat-transazzjoni, in-natura u l-valur involut?

26/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 253
01/07/2024

**ENEMED - TRANSAZZJONIJIET MA' KUMPANIJI**

**20321. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tat-transazzjonijiet li saru bejn l-Enemed, jew kumpaniji sussidjarji tagħha, u l-kumpaniji li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament, bejn is-sena 2013 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż id-data tat-transazzjoni, in-natura u l-valur involut?

26/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 253
01/07/2024

**MOBC - TRANSAZZJONIJIET MA' KUMPANIJI**

**20322. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tat-transazzjonijiet li saru bejn l-MOBC, jew kumpaniji sussidjarji tagħha, u l-kumpaniji li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament, bejn is-sena 2013 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż id-data tat-transazzjoni, in-natura u l-valur involut?

26/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 253
01/07/2024

**REWS - KUMPANIJI LIĊENZJATI BIEX JAGĦMLU XOGĦOL TA' BUNKERING**

**20323. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' kumpaniji liċenzjati mir-Regolatur għall-Enerġija u l-Ilma (REWS) biex jagħmlu xogħol ta' bunkering? Tista' tgħid ukoll jekk dawn il-kumpaniji liċenzjati jistgħux jikkuntrattaw lil xi kumpaniji oħra mhux liċenzjati (sub-contracting) biex jużaw il-liċenzja tagħhom u jagħmlu xogħol ta' bunkering f'isimhom?

26/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 253
01/07/2024

**REWS - KUMPANIJI TERZI AWTORIZZATI BIEX JAGĦMLU XOGĦOL TA' BUNKERING**

**20324. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' awtorizzazzjonijiet li r-Regolatur għall-Enerġija u l-Ilma (REWS) ħarġet lil kumpaniji terzi biex jagħmlu xogħol f'isem dawk liċenzjati fis-settur tal-bunkering bejn l-2019 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż id-dati, l-isem tal-kumpaniji u f'isem liema liċenzja ngħatat din l-awtorizzazzjoni?

26/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 253
01/07/2024